MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2011

Numru 42/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Kevin Martin Lorence Silvio
Angelo Attard**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-Att ta' Akkuza migjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali fit-18 ta' Ottubru 2007 kontra Kevin Martin Lorence Silvio Angelo Attard li permezz tieghu l-istess Avukat Generali akkuzah talli: (1) ghamel tentattiv ta'

omicidju volontarju, u cioe` dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'perikolu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu; (2) ghamel offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna, u cioe` minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra; (3) volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, b'dan illi l-ammont ta' hsara kien ta' aktar minn hamsin lira izda taht hames mitt lira; (4) minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija kellu f'idejh jew fuqu sikkina, ta' kull xorta li tkun, b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta; (5) attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li jkunu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi minn awtorita` kompetenti;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali ta' l-20 ta' April 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat il-verdett tal-gurati li bih, b'seba' (7) voti favur u b'zewg (2) voti kontra sabu lill-imsemmi Kevin Martin Lorence Silvio Angelo Attard mhux hati ta' l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza izda hati tar-reat kompriz u involut li, minghajr il-hsieb li joqtol lil P.C. Jonathan Farrugia, izda bil-hsieb li jikkagunalu ferita ta' natura gravi li tidhol f'wahda mill-kavitajiet tal-gisem, u dana b'arma regolari jew bi strument li jaqta' jew iniggez, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu, u li bih unanimament sabuh ukoll hati tat-Tieni, it-Tielet, ir-Raba' u l-Hames Kapi ta' l-Att ta' l-Akkuza, iddikjarat lill-istess Kevin Martin Lorence Silvio Angelo Attard:

(1) mhux hati ta' l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza izda hati tar-reat kompriz u involut li, fis-26 ta'April 2003, ghall-habta tat-3.30 a.m. go l-Ghassa San Giljan, minghajr il-hsieb li joqtol lil P.C. Jonathan Farrugia, izda bil-hsieb li jikkagunalu ferita ta' natura gravi li tidhol f'wahda mill-

kavitajiet tal-gisem, u dana b'arma regolari jew bi strument li jaqta' jew iniggez, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu;

(2) hati talli fl-istess data, f'Paceville, ghall-habta tat-3.00 a.m., ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' P.C. 430 Andrew St. John u dana skond it-Tieni Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;

(3) hati talli fl-istess data, fl-ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan, ghall-habta tat-3.30 a.m. volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli u cioe` l-uniformi li kien liebes P.C. Jonathan Farrugia ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta, hsara li tiswa aktar minn hamsin lira Maltin (€116.47) u mhux aktar minn hames mitt lira Maltin (€1164.69) u dana skond it-Tielet Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;

(4) hati talli fl-istess data, hin u post imsemmi fil-paragrafi precedenti kellu f'idejh jew fuqu sikkina ta' kull xorta li tkun b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, u dana skond ir-Raba' Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;

(5) hati talli fl-istess data u hinijiet, fejn l-istabbiliment Fuego go Paceville, San Giljan u gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan, attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi minn awtorita` kompetenti, u dana skond il-Hames Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;

**3.** Rat illi bl-istess sentenza l-ewwel Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 23(1)(2)(3), 31(1)(b)(vii)(viii)(ix), 41(1)(a), 96, 214, 216(c), 217, 221, 325(1)(b) tal-Kodici Kriminali u l-artikoli 13(1) u 19 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannat lill-imsemmi Kevin Martin Lorence Silvio Angelo Attard ghall-piena komplessiva ta' tliet snin u sitt

xhur prigunerija u ordnat il-konfiska tal-mus esebit dokument MS1 bhala konsegwenza tal-piena li qed tinghata taht ir-Raba' Kap.

**4.** Rat illi l-ewwel Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti, u ezaminata mid-difiza, u wara li kkunsidrat is-segwenti:

**"Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. Jose` Herrera, li jinsabu kollha registrati w cioe`:-**

**1. li l-Qorti tista' f'dan il-kaz tapplika l-provvediment ta' sentenza sospiza minflok wiehed ta' prigunerija effettiva ghaliex il-hati ma kellu xejn fil-kondotta qabel dan l-incident;**
**2. li l-hati fi zmien ta' l-incident kien ibati minn depression, tilef l-impjieg tieghu u beda jixrob u kellu problemi familjari ghax it-tifla tieghu harget tqila.**
**Ghalhekk talab li l-Qorti turi klemenza mal-hati.**

**"Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur Dr. Lara Lanfranco, li jinsabu registrati w cioe`:-**

**1. li l-prosekuzzjoni ma kienet taqbel xejn mat-talba tad-difiza li tigi applikata sentenza sospiza meta wiehed iqis ic-cirkostanzi tal-kaz u li f'dan il-kaz gew feruti zewg ufficjali tal-Pulizija waqt li kienu qeghdin jaqdu d-dover taghhom;**
**2. il-fatt illi kien ibati minn depression zgur li ma kienx jiskuzah ghal dak li ghamel. Barra minn hekk jirrizulta mill-fedina penali tal-hati li sentejn u nofs wara rega' rrepeta incident simili w b'sentenza tas-26 ta' Jannar 2006, kien instab hati ta' sekwestru tal-persuna, tentattiv ta' offiza gravi fuqha, li garr arma li taqta' w bil-ponta waqt li qed jaghmel l-imsemmi delitt minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, li hedded persuna, li kiser il-mistrieh tan-nies, qal kliem oxxen, m'obdiex l-ordnijiet legittimi ta' persuna nkarigata minn servizz pubbliku, hedded bil-gebel jew hwejjeg ohra iebsin u hebb ghaliha w dagha fil-**

**pubbliku w gie kkundannat sena prigunerija sospiza ghal tliet snin.**

**“Ghalhekk il-prosekuzzjoni kienet qed tinsisti ghall-piena karcerarja effettiva w li l-Qrati ghandhom jaghtu messagg car lis-socjeta` li dawn it-tipi ta’ reati kontra ufficjali tal-korp tal-Pulizija jigu kastigati severament.**

**“Ikkonsidrat;**

**“Li r-reat ta’ danni volontarji taht it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza, ghall-fini tal-piena, ghandu jigi assorbit fir-reat li tieghu instab hati l-akkuzat ta’ tentattiv ta’ ferita gravi b’arma, peress li bejn dawn iz-zewg reati hemm il-konkors formali jew ideali w r-reat ta’ offiza hafifa fuq Pulizija taht it-Tieni Kap huwa wkoll, ghall-fini tal-piena, assorbit fir-reat ta’ attakk u resistenza taht il-Hames Kap tal-Att tal-Akkuza ghall-istess raguni w anki ghaliex serva bhala mezz biex seta’ jigi kommess dan l-ahhar reat.**

**“Ghalhekk il-piena massima komplessiva erogabbli ghall-konkors tar-reati b’dawn l-assorbimenti hija ta’ tliet snin, seba’ xhur u gimghatejn prigunerija.**

**“Ghalkemm huwa minnu li l-hati kien incensurat qabel ma kkommetta dawn id-delitti li taghhom qed jinstab hati llum u ghalkemm jista’ jkun li kien qed isofri minn dipressjoni ghal diversi ragunijiet, dana xorta wahda ma jezonerahx milli jaggixxi kif agixxa w jizvoga r-rabja jew frustrazzjoni tieghu fuq membri tal-korp tal-Pulizija kif huwa ghamel.**

**“Kif gie ritenut ripetutament minn din il-Qorti (ara r-Repubblika ta’ Malta vs Godwin Vella, Keith Caruana et. [16.11.2004] u ohrajn) u mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (sede inferjuri), “Il-Pulizija vs Roderick Farrugia” [26.04.2007] u “Il-Pulizija vs Anthony Formston” [30.04.2009] u “Il-Pulizija vs Alfio Attard” [31.07.2008] fejn gie ritenut testwalment li**

***‘dan ir-reat ghandu jigi trattat bis-serjeta` u bil-gravita` li jimmerita ghax il-membri tal-Korp tal-Pulizija mhux qeghdin hemm biex iservu ta' "punching bag" ghal kull min hu frustrat u ma jridx jigi migjub ghall-ordni minn min ghandu d-dover li jipprotegi l-ordni pubbliku.’***

**“Il-Qrati ghalhekk ghandhom jiehdu veduta serjissima ta’ reati ta’ vjolenza kommessi kontra membri tal-korp tal-Pulizija waqt li jkunu qed jesegwixxu d-dmirijiet taghhom.**

**“Il-membri tal-Korp m’ghandhomx iservu ta’ ‘punching bag’ ghall-persuni li jkunu frustrati, rrabjati, taht l-influwenza tax-xorb jew influwenzi ohra, ghaliex huma jkunu qeghdin hafna drabi jirriskjaw l-inkolumita` taghhom jekk mhux ukoll hajjithom fil-qadi tad-dmirijiet taghhom.**

**“F’dan il-kaz partikolari mbaghad, il-hati, waqt li kien bil-liberta` provvizorja, rega’ kkommetta reat ta’ tentattiv ta’ ferita gravi kif qed jinstab hati tieghu llum u jidher li ma tghallem xejn mill-fatt li dak iz-zmien kienet ghada miexja din il-kawza kontra tieghu w rega’ rrepeta incident simili ferm ghal dak odjern u anki kien ukoll m’obdiex l-ordni legittima ta’ persuna nkarigata minn servizz pubbliku.**

**“Ghalhekk fic-cirkostanzi din il-Qorti tara li l-gravita` tar-reati kommessi mill-hati ghandhom jigu puniti b’piena karcerarja effettiva vicin il-massimu.”**

**5.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Kevin Martin Lorence Silvio Angelo Attardipprezentat fil-5 ta’ Mejju 2010 fejn talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tvarja l-piena mposta u tikkonfermaha fil-bqija; rat l-atti l-ohra tal-kawza; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**6.** L-appellant ghandu aggravju wiehed li jirrigwarda l-piena li jqis eccessiva u mhux idoneja fic-cirkostanzi. Jilmenta li l-Qorti Kriminali kkundannatu kwazi ghall-massimu li seta’ jehel skond il-ligi. L-appellant josserva illi

sa dak iz-zmien kellu fedina penali netta; illi f’dak iz-zmien kien ghaddej minn perijodu difficli hafna minhabba ragunijiet personali fejn it-tifla tieghu ta’ erbatax-il sena spiccat tqila; illi kien waqa’ f’dipressjoni qawwija u kien anke jiehu kura medika u medicina ghal dik il-kundizzjoni. L-appellant jghid li rrizulta li f’dak il-mument kien taht l-influwenza tax-xorb u, ghad li ma jistax iressaq bhala difiza dan il-fatt, huwa palezi li ghal dak li jikkoncerna l-piena l-Qorti tista’ tikkonsidra kull cirkostanza li jkun jidhrilha opportun. L-appellant jissokta jghid li l-ferita li ssubixxa l-vittma ma halliet l-ebda konsegwenzi serji ta’ xejn. Barra minn hekk, huwa bniedem mizzewweg u kap ta’ familja u qabel ma ghadda minn dan il-perijodu ikrah f’hajtu kien pjenament integrat fis-socjeta` u bl-ebda tendenza delinkwenti. L-appellant isostni illi huwa minn dejjem iddispjacih ghall-akkadut u dehrlu li kellu jghaddi guri solament ghax dejjem ikkontesta l-fatt li kellu xi intenzjoni li joqtol lil xi hadd u li agixxa kif agixxa f’mument debboli ta’ hajtu.

**7.** Din il-Qorti tosserva l-ewwelnett illi in materja ta’ piena mhuwiex normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat. M’hemmx dubju li l-piena nflitta hi fil-parametri tal-ligi u hi kwazi fil-massimu (kif iddikjarat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata). Kwantu ghall-punti kollha msemmija mill-appellant, dawn ingabu a konjizzjoni ta’ l-ewwel Qorti. Jigifieri l-istampa li ngabet quddiem din il-Qorti hija l-istess stampa li kellha quddiemha l-ewwel Qorti. Din il-Qorti ma tistax tifhem imbaghad kif l-appellant jippretendi li hija tikkunsidra bhala xi forma ta’ attenwanti difiza li l-istess appellant jghid li ma jistax iressaq, cioe` li kien taht l-influwenza tax-xorb. Jigifieri l-appellant stess jammetti li mhux applikabbli xi wahda mill-eccezzjonijiet kontemplati fis-subartikolu (2) ta’ l-artikolu 34 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Mill-atti jidher illi verament l-appellant kellu problema tax-xorb u difatti ghamel xi zmien jattendi s-servizzi ta’ kura tas-SEDQA. Kien ukoll taht il-kura tal-psikjatra Dr. David Cassar u kien jiehu xi medicina ghad-dipressjoni li kellu. Dan kollu la jezimieh mir-responsabbilta` kriminali – galadarba ma tirrizultax xi

difiza kontemplata mil-ligi – u lanqas minn piena adegwatament severa.

**8.** Kif gie ritenut mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi** deciza fit-30 ta' Lulju 2004, **"bhala regola meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna l-piena ghandha tkun dejjem dik ta' prigunerija b'effett immedjat. Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod decisiv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi zventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruhha f'xi forma ta' vjolenza fizika."**

**9.** U bhalma qalet din il-Qorti f'**Ir-Repubblika ta' Malta v. Dominic Bonnici** fis-sentenza taghha tal-11 ta' Novembru 2004: **"Il-pieni ghandhom l-iskop ukoll li jservu ta' deterrent generali; u l-qrati ta' gustizzja kriminali ghandhom jibaghtu messagg car ... li l-vjolenza fizika ghandha, bhala regola generali, dejjem iggib maghha l-piena ta' prigunerija b'effett immedjat...."**

**10.** Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Noel Mizzi** deciz fil-15 ta' Dicembru 2005, din il-Qorti qalet: **"il-vjolenza ghandha, bhala regola generali, dejjem iggib maghha l-piena ta' prigunerija b'effett immedjat, aktar u aktar fejn jintuzaw armi" u "mhuwiex inoltre tollerabbli li f'socjeta` civili persuna ggorr arma fuqha kontra l-ligi – hi x'inhi r-raguni."**

**11.** Hawn imbaghad ghandna kaz fejn l-appellant aggredixxa zewg membri tal-Korp tal-Pulizija f'zewg incidenti separati meta kienu qeghdin jaghmlu d-dover taghhom. Fit-tieni incident sahansitra uza mus, u kien biss x'aktarx minhabba l-*physique* ta' P.C. 463 Jonathan Farrugia li l-mus ma ppenetrax il-kavita` abdominali. Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Ivan (John) Felice** gie ritenut: **"Min ikun inkarigat minn servizz pubbliku u jkun qieghed jesegwixxi l-ligi jew ordni moghti skond il-ligi minn awtorita` kompetenti – bhalma normalment jaghmlu l-pulizija fil-kors normali tad-doveri taghhom – ghandu jinghata l-protezzjoni kollha tal-ligi, u tali**

**protezzjoni tigi billi, wara li dak li jkun jinstab hati ta' dan ir-reat [art. 96 tal-Kap. 9], tinghata l-piena stabbilita mil-ligi li hija l-piena ta' prigunerija."**

**12.** Di piu`, fattur li ppreokkupa hafna lil din il-Qorti, bhalma del resto jidher li ppreokkupa lill-ewwel Qorti, huwa li fil-mori ta' dawn il-proceduri u waqt li l-appellant kien bil-helsien mill-arrest, rega' kkommetta reat ta' tentattiv ta' offiza gravi, minbarra li ma obdiex l-ordni legittima ta' persuna nkarigata minn servizz pubbliku. Ghalhekk, jekk l-appellant ghad ghandu bzonn ta' kura psikjatrika u/jew kura minhabba l-problema tax-xorb, l-ghajnuna mehtiega jista' issa jsibha fl-ambitu tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin.

**13.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------